# Linji Gwida għall-Utent

Emendi li għandhom jitwettqu għall-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta)

## Għan

- Li jittejjeb il-qafas regolatorju tas-soċjetajiet kummerċjali bil-għan li tiġi pprovduta ċertezza legali;

- Li tittejjeb il-kwalità tal-istandards tar-rappurtar lir-Reġistratur;

- Li jiżdiedu d-dmirijiet tar-Reġistratur, b'mod partikolari fir-rigward taż-żamma u l-preċiżjoni tal-informazzjoni miżmuma u rreġistrata;

- Li tittrasponi d-Direttiva (UE) 2021/2101 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2021 li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta'informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu minn ċerti impriżi u fergħat (minn hawn'il quddiem imsejħa "id-Direttiva (UE) 2021/2101").

## Dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpaniji

• Tifsiriet — **artikolu 2(1) u (3) tal-Att prinċipali**

It-tifsiriet "sid benefiċjarju", "offerta ta' titoli lill-pubbliku" u "Regolament dwar Prospett" huma deskritti b'mod ċar għal aktar ċertezza legali, u l-kwalifiki dwar liema tip ta' offerti m'għandhomx jitqiesu li jikkostitwixxu offerti ta' titoli lill-pubbliku qegħdin jiġu emendati.

• Traspożizzjonijiet tal-liġijiet tal-UE — **artikolu 3A tal-Att principal**

Dan l-artikolu qed jiġi emendat biex jirrifletti l-aħħar d-Direttivi tal-UE fil-qafas tal-liġi tal-kumpaniji, speċifikament l-emendi għall-paragrafi (v) u (w).

• Sottomissjoni tal-Memorandum Aġġornat u l-istatut — **l-artikolu 79(2) tal-Att prinċipali**

Memorandum u l-istatut aġġornati jistgħu jiġu ppreżentati lir-Reġistratur b'mod elettroniku jekk il-firem li jinsabu fihom ikunu tat-tip debitament rikonoxxuti mir-Reġistratur (Firem Elettroniċi Kwalifikati skont it-termini tar-Regolament (UE) Nru 910/2014). Ir-referenzagħat-terminu "mitbugħa" qed tiġi mħassra.

• Tnaqqis tal-kapital azzjonarju — **l-artikolu 83 tal-Att prinċipali**

Dan l-artikolu qed jiġi sostitwit biex jipprovdi għal xenarju aġġornat f' dawk l-istanzi fejn il-kapital azzjonarju maħruġ ta' kumpanija għandu jitnaqqas. Dan qed isir sabiex jiġu inklużi dawk il-każijiet ta' riżervi mhux distriwibbli, u sabiex jipprovdi l-proċeduri applikabbli.

• Il-formazzjoni ta' kumpanija ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli — **l-artikolu 84 (1) tal-Att prinċipali**

Din it-tip ta' formazzjoni qed tiġi emendata biex tiġi inkluża l-possibbiltà ta' kumpanija iffurmata bħala kumpanija ta' investiment wara konverżjoni.

• L-akkwist tal-ishma tal-kumpanija minnha stess — **l-artikolu 106 tal-Att prinċipali**

Kumpanija issa tista' tikkanċella l-ishma akkwistati skont l-artikolu 106 tal-Att prinċipali, mingħajr ma jkollha ssegwi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 83. Avviż ta' tali kanċellazzjoni jeħtieġ li jintbgħat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni fi żmien erbatax-il (14) jum. Penali amministrattivi għandhom japplikaw f'każ ta' inadempjenza, b'penali amministrattivi oħra għal kull jum sakemm tkompli l-inadempjenza.

• L-akkwist tal-ishma tal-kumpanija minnha stess mingħajr l-applikabbiltà tal-artikolu 106 — **l-artikolu 107 tal-Att prinċipali**

Il-każijiet fejn kumpanija tista' takkwista kwalunkwe mill-ishma tagħha stess (b' mod ieħor ħlief permezz ta' sottoskrizzjoni) mingħajr ma tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 106 qed jiġu emendati biex jinkludu akkwisti waraproċedura ta' tibdil, amalgamazzjoni jew qsim ta' kumpanija (skont l-Att dwar il-Kumpaniji); kwalunkwe tibdil, merger jew qsim transkonfinali magħmula skont ir-regolamenti rilevanti skont l-Att; jew akkwistati minn azzjonisti li ma jaqblux, kif provdut fl-artikolu 107(1)(f).

• Kundizzjonijiet għall-kumpanija fl-akkwist tal-ishma tagħha stess kif permess mil-liġi — **l-artikolu 109 tal-Att prinċipali**

Kwalunkwe riżerva msemmija fil-paragrafu (b) ta' dan l-artikolu 109, għandha tkun tista' tiġi distribwita wara kanċellazzjoni magħmula skont l-artikoli 106(6) jew 107(2).

• Sejħa ta' laqgħa ġenerali straordinarja fuq talba – **l-artikolu 129 tal-Att prinċipali**

Minbarra d-dmir tad-diretturi li jipproċedu sabiex isejħu laqgħa, ġie introdott rekwiżit ġdid għall-istess diretturi sabiex tali laqgħa tinżamm fi żmien xahrejn mid-data tal-konsenja tat-talba.

• Skwalifika tad-Diretturi — **l-artikolu 142(1)(b) tal-Att prinċipali**

Twessigħ taċ-ċirkostanzi meta persuna titqies bħala skwalifikata milli tinħatar jew li jkollha l-kariga ta' direttur jew segretarju ta' kumpanija. Meta persuna tinstab ħatja ta' reat ta' ħasil tal-flus skont it-tifsira tal-Att kontra Money Laundering (Kap 373), reati predikati assoċjati għall-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, għandhom ikunu wkoll raġunijiet għall-iskwalifika.

• Ħatra ta' Amministratur, rappreżentant legali jew kwalunkwe persuna inkarigata mit-tmexxijau l-amministrazzjoni ta' kumpanija — **l-artikolu 146(1) tal-Att prinċipali**

Malli jinħatar mill-qorti jew mill-awtorità kompetenti, għandha tintbagħat notifika lir-Reġistratur mill-amministratur, mir-rappreżentant legali, jew minn kwalunkwe persuna responsabbli inkarigata mit-tmexxija u l-amministrazzjoni ta' kumpanija.

Din in-notifika tapplika wkoll għal riżenji jew tneħħija ta' tali persuna.

In-notifika għandha tintbagħat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji fuq formola preskritta fi żmien 14-il jum mill-ħatra, mir-riżenja, jew mit-tneħħija, liema formola għandha tkun disponibbli wara emenda għar-Regolamenti dwar Formoli taħt l-Att dwar il-Kumpaniji.

Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji għandu jagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku fuq il-portal tal-MBR.

• Awditur — **l-artikoli 151(6) u 151(9) tal-Att prinċipali**

Il-kumpanija għandha tinforma lir-Reġistratur tal-Kumpaniji, permezz tal-formola ġdida preskritta, dwar il-ħatra tal-ewwel awditur tagħha u dwar kull każ fejn jinħatar awditur ġdid wara r-riżenja jew it-tneħħija tal-awditur preċedenti. M'hemmx bżonn ta' tali formola meta l-

awditur jiġi kkonfermat għal terminu ieħor. Il-formola preskritta għandha tingħata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni fi żmien 14-il jum mill-ħatra msemmija. Il-formola preskritta se tkun disponibbli skont ir-Regolamenti dwar Formoli taħt l-Att dwar il-Kumpaniji, kif emendati.

L-informazzjoni pprovduta f'din il-formola se tkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit elettroniku tal-MBR. Għandha tiġi applikata penali amministrattiva f'każ li l-kumpanija tonqos milli tinforma lir-Reġistratur bil-ħatra tal-awditur u għandha tiġi imposta penali amministrattiva oħra għal kull jum li n-nuqqas ta' notifika jkompli.

• Talba għall-Istralċ mir-Reġistratur - **artikolu 218(4) tal-Att prinċipali**

L-emenda tagħti diskrezzjoni lir-Reġistratur biex ikun jista' jressaq rikors għal stralċ fil-qorti li jikkonċerna kumpanija partikolari, f'każijiet fejn ikun prattiku li jsir dan jew inkella fejn ikun fl-interess pubbliku.

• Diskrepanza fil-lingwa — **artikolu 224(2) tal-Att prinċipali**

Il-verżjoni Maltija qed tiġi emendata biex tirrifletti l-kliem tal-verżjoni Ingliża. Dan jelimina kwalunkwe diskrepanza lingwistika bejn iż-żewġ testi.

• Responsabbiltà personali tar-Reġistratur — **artikolu 400(3) tal-Att prinċipali**

Iż-żieda ta' dan is-subartikolu tintroduċi l-esklużjoni tar-responsabbiltà personali tar-Reġistratur fil-qadi tad-dmirijiet rispettivi tiegħu, sakemm l-att jew l-ommissjoni ma tirriżultax minn mala fede.

• Dmirijiet Addizzjonali tar-Reġistratur — **artikolu 401(1)(n), (o), (p) and (q) tal-Att prinċipali**

L-ewwel emenda żżid dmir sabiex ir-Reġistratur jwettaq spezzjonijiet fuq il-post fl-uffiċċji reġistrati tal-kumpaniji biex jikkonferma li l-azzjonisti u s-sidien benefiċjarji huma dawk kif żvelati lir-Reġistratur. Ir-Reġistratur għandu wkoll id-dmir li jivverifika l-eżistenza u l-validità tal-uffiċċju rreġistrat tas-soċjetajiet kummerċjali.

It-tieni nett, qed jiżdiedu wkoll dmirijiet ġodda għar-Reġistratur biex jiġi stabbilit, amministrat u miżmum repożitorju ċentrali tad-data; reġistru ta' korporazzjonijiet ġuridiċi u impriżibarranin li għandhom attività kummerċjali sinifikanti f'Malta; u kwalunkwe reġistru ieħor, li jista' jkun meħtieġ minn żmien għal żmien, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli mir-reġistrazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali.

• Setgħa għall-għemil ta' regolamenti — **artikolu 425(1) u (4) tal-Att prinċipali**

Il-Ministru qed jingħata s-setgħa leġiżlattiva li jagħmel regolamenti dwar:

- ir-repożitorju ċentrali tad-data, u kwalunkwe reġistru ieħor li r-Reġistratur jista' jkun meħtieġ li jżomm sabiex jaqdi d-dmirijiet tiegħu skont il-liġi, inklużi l-kwalifiki tal-aċċess għalih u d-drittijiet li jistgħu jiġu preskritti għall-aċċess għad-data li tinsab fih u kwistjonijiet anċillari għalihom

- korpi ġuridiċi rreġistrati, iffurmati jew inkorporati f'pajjiż li mhuwiex Malta, sabiex jitkomplew jew jiġu mibdula f'kumpanija skont il-liġijiet ta' Malta, u għal korpi ġuridiċi ffurmati jew irreġistrati f'pajjiż li mhuwiex Malta biex iwettqu għaqda transkonfinali jew diviżjoni transkonfinali ma' jew li tinvolvi kumpanija inkorporata jew li trid tiġi inkorporata f'Malta.

• Traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2021/2101 — **l-artikoli 213B, 213Ċ, 213D u r-Raba' Skeda**

L-għan speċifiku huwa li tiżdied it-trasparenza tat-taxxa korporattiva, jiġifieri, li l-informazzjonidwar it-taxxa korporattiva ssir aċċessibbli għall-pubbliku.

Il-pubbliku għandu jkun jista' jiskrutinizza l-attivitajiet kollha ta' grupp ta' impriżi jekk il-grupp ikollu ċerti tipi ta' entitajiet stabbiliti fl-Unjoni. Għal gruppi li jwettqu attivitajiet fl-Unjoni biss permezz ta' impriżi sussidjarji jew fergħat, dawk l-impriżi sussidjarji u l-fergħat għandhom jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli r-rapport tal impriża parent aħħarija. Jekk dik l-informazzjoni jew dak ir-rapport ma jkunux disponibbli jew l-intrapriża parent aħħarija ma tipprovdix lill-intrapriżi sussidjarji jew lill-fergħat bl-informazzjoni kollha meħtieġa, l-intrapriżi sussidjarji u l-fergħat jenħtieġ li jfasslu, jippubblikaw, u jagħmlu aċċessibbli rapport dwar l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu li jkun fih l-informazzjoni kollha fil-pussess tagħhom, jew miksubajew akkwistata, u dikjarazzjoni li tindika li l-intrapriża parent aħħarija tagħhom ma għamlitx l-informazzjoni meħtieġa disponibbli.

Għal raġunijiet ta' proporzjonalità u effettività, l-obbligu li r-rapport dwar l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jiġi ppubblikat u jsir aċċessibbli għandu jkun limitat għal impriżi sussidjarji ta' daqs medju u kbir.

Ir-rapport dwar l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għandu jinkludi:

(a) l-isem tal-impriża parent aħħarija jew l-impriża awtonoma, is-sena finanzjarja kkonċernata, il-munita użata għall-preżentazzjoni tar-rapport u, fejn applikabbli, lista tal-impriżi sussidjarji kollha kkonsolidati fir-rapporti finanzjarji tal-impriża parent aħħarija;

(b) deskrizzjoni qasira tan-natura tal-attivitajiet tagħhom;

(c) in-numru ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full-time;

(d) dħul, li għandu jkollu l-istess tifsira bħal "fatturat nett" jew l-introjtu kif definit mill-qafas ta' rapportar finanzjarju li abbażi tiegħu jitħejjew ir-rapporti finanzjarji;

(e) l-ammont ta' profitt jew telf qabel it-taxxa fuq l-introjtu;

(f) l-ammont ta' taxxa fuq l-introjtu akkumulat matul is-sena finanzjarja rilevanti;

(g) l-ammont ta' taxxa fuq l-introjtu mħallas fuq bażi ta' flus kontanti; u

(h) l-ammont ta' qligħ akkumulat fl-aħħar tas-sena finanzjarja rilevanti.

Ir-rapport dwar l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għandu jinkludi, fejn applikabbli, lista tal-impriżi sussidjarji kollha, fir-rigward tas-sena finanzjarja rilevanti, stabbiliti fl-Unjoni jew f'ġurisdizzjonijiet tat-taxxa inklużi Annessi I u II tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa.

Sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' piż amministrattiv, l-impriża parent aħħarija għandha tkun tista' tiddependi fuq il-lista ta' impriżi sussidjarji inklużi fir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-impriża parent aħħarija.

• Penali Amministrattivi — **Il-Ħdax-il Skeda**

Ser jiġu introdotti penali amministrattivi se jiġu introdotti u għandhom japplikaw fil każijiet li ġejjin:

o Meta uffiċjal tal-kumpannija jonqos milli jagħti kopja tal-avviż ta' tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ lir-Reġistratur;

o Meta uffiċjal tal-kumpanija jonqos milli jikkonsenja lir-Reġistratur kopja tal-avviż ta' kanċellament ta' ishma fi żmien erbatax-il (14) jum minn meta tali kanċellament tidħol fis-seħħ;

o Meta d-direttur jew il-persuna responsabbli biex tippreżenta l-informazzjoni rispettiva kif meħtieġ mill-artikoli 213B, 213Ċ, 213D u Taqsima II tar-Raba' Skeda, tonqos milli tissottometti tali informazzjoni lir-Reġistratur. Penali amministrattiva oħra għal kull jum għandha tkun applikabbli għal kull jum li fih tkompli l-inadempjenza.

## KONKLUŻJONI

L-uffiċjali tal-kumpaniji għandhom ikunu konxji bis-sħiħ tal-Att li jemenda. Huwa rakkomandat li meta ma jkunux ċerti dwar l-obbligi tagħhom, jikkonsultaw avukat, accountant, jew awditur. Il-formoli preskritti se jinħarġu skont ir-regolamenti leġiżlattivi rispettivi permezz ta' Avviż Legali. In-nuqqas li jsiru s-sottomissjonijiet meħtieġa jew li tittieħed l-azzjoni meħtieġa fil-perjodi ta' żmien mitluba, għandu jirriżulta fl-impożizzjoni ta' penali amministrattivi fuq il-kumpanija u l-uffiċjali tal-kumpanija. Il-penali amministrattivi jistgħu jiġu evitati jekk l-uffiċjali tal-kumpanija jkunu familjari mal-liġi Maltija dwar il-Kumpaniji u r-regolamenti tagħha.

N.B. Il-Linji Gwida għall-Utenti li jinsabu f'dan id-dokument huma maħsuba biss biex iservu bħala linji gwida u m'għandhomx jiġu interpretati bħala leġiżlazzjoni. Jenħtieġ li dan id-dokument ma jitqiesx bħala deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument u lanqas bħala sostitut tiegħu jew bħala suppliment leġiżlattiv għalih. Il-Linji Gwida ma humiex intiżi li jkunu deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Jekk jogħġbok irreferi għal-leġiżlazzjoni relatata għal fehim aktar komprensiv.

Għal iktar informazzjoni tista' tikkuntatjana fuq legal.enforcement@mbr.mt / +356 2258230